**20 ta' Jannar, 1987**

**Imħallef: –**

**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**

Nazzarenu Azzopardi għan-nom u in rappresentenza ta' *Azzopardi General Transport Limited*

*versus*

Charles Pisani

**Vetturali bl-Art jew bil-Baħar – Depożitarju – Responsabbilità ta'**

*L-attur fittex għall-ħlas ta' trasport ta' merkanzija u ġie eċċepit li s-soċjetà* konvenuta trasportatriċi naqset *mill-obbligi tagħha tal-konsenja ttrasportata.*

*Il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat is-sentenza appellata fis-sens illi ma ġiex ippruvat li l-kawża ta' l-għodda ġiet ikkonsenjata lill-attur u konsegwentement laqgħet it-talba attriċi għall-ħlas.*

Il-Qorti: –

Rat it-talba ta' l-attur quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati ta' Malta biex il-konvenut jiġi kkundannat li jħallas lill-attur *nomine* s-somma ta' tmienja u għoxrin lira u għoxrin ċenteżmu (Lm28.20) *(sic)* ħlas għat-trasport ta' merkanzija minn Ricasoli għall-Mosta u spejjeż relattivi għar-rilaxx ta' l-istess merkanzija mid-Dwana, bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-ittra interpellatorja tal-15 ta' Lulju, 1985, kontra l-konvenut li minn issa huwa nġunt għas-subizzjoni;

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta' Ottubru, 1985 (fol. 9) li *minnu jirriżulta li l-konvenut eċċepixxa li l-ammont pretiż mhux* dovut għaliex is-soċjetà attriċi naqset li tadempixxi l-obbligu *tagħha stante* li l-konsenja ta' l-*oġġetti ttrasportati kienet nieqsa minn* diversi oġġetti;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili tal-Maġistrati ta' Malta fis-6 ta' Mejju, 1986, li biha ddeċidiet li t-talba ta' l-attur hija ġustifikata u għandha tiġi milqugħa bl-ispejjeż kontra l-konvenut wara li kkunsidrat:

Illi l-attur xehed li hu kien wassal kaxxa mimlija *personal effects* li l-konvenut kien irċieva minn barra, għand il-konvenut, u wara dan allega li kien sab *tool box* nieqsa u waħħal fih li kien seraqhielu. Hu kompla jgħid li meta kien fetaħ il-kaxxa quddiem l-uffiċjal tad-Dwana, ma kien ra ebda *tool box* fiha. Wara li fetaħ il-kaxxa quddiem l-uffiċjal hu ma reġax qed kollox kif kien ippakkjat qabel, imma qegħidhom kollha flimkien fit-*truck* tiegħu. F'dan it-*truck* kellu wkoll xogħol ta' ħaddieħor;

Meta kkonsenja l-kaxxa lill-konvenut dan kien iċċekkjaha

u ffirmalu għaliha u ma semma xejn. Meta mbagħad il-kuġin tiegħu mar biex jitħallas, il-konvenut semma li kienet naqset it-*tool box*, allega li seraqhielu l-attur, u ma rieđx iħallas;

Il-konvenut ma kien tah ebda *packing list;*

**Roger Azzopardi** xehed li hu jieħu ħsieb id-dokumentazzjoni mad-ditta attriċi. Il-konvenut kien urih *packing list* ta' l-oġġetti li kellhom itellgħu, però hu kien qal lill-konvenut biex dina ma juruhiex lil tad-Dwana, u li ma kienx hemm għalfejn li hu jitla' magħhom biex jiġbor l-oġġetti;

Wara li ġiet ikkonsenjata l-kaxxa, f'xil-11.00 p.m. il-konvenut kien mar għandu u qallu li kien sab *tool box* nieqsa, u kien beda jwaħħal fihom li serquhielu. Lill-attur hu ma kien tah ebda *packing list;*

Xehed ukoll **George Azzopardi** li qal li l-konvenut beda jwaħħal f'Roger Azzopardi u fl-attur li kienu serqulu t-*tool box* u għalhekk ma riedx iħallas tax-xogħol li għamlulu;

L-Uffiċjal tad-Dwana, **John Mifsud** xehed li meta l-burdnar fetaħ il-kaxxa, dina kienet issiġġillata. L-għada li rrilaxxja l-kaxxa, kien mar il-burdnar (l-attur) u ieħor u kien qalilhom li hu ma kienx ra kaxxa ta' l-għodda meta vverifika l-kontenut tal-kaxxa. Hu kompla jgħid hekk:

"Mhux possibbli li kien hemm din il-kaxxa billi meta kien ġie l-għada, ftakart li ma kienx hemm din il-kaxxa. Għall-kaxxa ta' l-għodda jiena nifhem kaxxa tal-ħadid li tinfetaħ u jkun fiha l-għodda. Kull kaxxa suspettuża, jiena niftaħha. Kull kaxxa li jkun hemm, jien niftaħha". P. 20 – 21;

**Il-konvenut** xehed li hu kien stiva l-affarijiet l-Amerika, fosthom it-*tool box*. Il-*packing list* kien għamilha l-aġent meta bagħat il-kaxxa minn barra. Meta l-kaxxa waslet Malta, u ġabuhielu d-dar, sab li kien hemm it-*tool box* nieqsa;

Il-konvenut xehed li Roger Azzopardi kien qallu li ma kienx ra l-kaxxa tat-*tools* fuq it-*truck;* ikkonferma wkoll li hu kien mar ma' l-attur Ricasoli ikellem lill-uffiċjal tad-Dwana, u dan kien qallu li ma kienx ra kaxxa ta' l-għodda meta vverifika l-oġġetti;

Illi skond ix-xhud indipendenti, uffiċjal tad-Dwana, John Mifsud, meta dana għamel l-*inspection* ta' l-affarijiet ġol-kaxxa, f'Ricasoli, hu ma sab ebda *tool box*. Dan id-diskors hu qalu mhux biss fil-Qorti taħt ġurament, imma, il-konvenut stess, fix-xiehda tiegħu jgħid li kien qalulu dak in-nhar li hu kien mar ma' l-attur biex ikellmuh, f'Ricasoli, l-għada li l-kaxxa ġiet miftuħa;

Skond l-istess konvenut, Roger Azzopardi kien qallu li fit-*truck* ta' l-attur hu ma ra ebda *tool box*. Dan Roger Azzopardi kien għen lill-attur iħott l-oġġetti mit-*truck;*

Dana kollu apparti x-xiehda ta' l-attur li dejjem ċaħd li kien hemm fost l-oġġetti li hu kkonsenja *tool box;*

Illi d-dokumenti li l-konvenut esebixxa bħala li rċieva mill-Amerika bl-ebda mod ma naqqsu xi ħaġa mill-prova ta' l-attur;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut ippreżentata fid-9 ta' Mejju, 1986;

Rat il-petizzjoni ta' l-appell tal-konvenut li biha għar-raġunijiet hemm sottomessi talab li s-sentenza mogħtija mill-

Qorti Ċivili tal-Maġistrati ta' Malta fis-6 ta' Mejju, 1986 fil-kawża fl-ismijiet fuq premessi tiġi revokata billi jiġu milqugħa l-eċċezzjonijiet ta' l-appellant u miċħuda t-talbiet ta' l-attur *nomine* bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu;

Rat ir-risposta ta' l-appellat Nazzareno Azzopardi *nomine* ppreżentata fit-3 ta' Ġunju, 1986;

Rat l-atti l-oħra rilevanti u opportuni;

Ittrattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Minn eżami tad-disposizzjonijiet relattivi għall-vetturali bl-art jew bil-baħar (artikoli 1722 sa 1726, Kodiċi Ċivili, Ediz. Riv. ta' l-1942) jidher ċar li r-responsabbilità tal-vetturali (u huwa loġiku li jkun hekk) tibda meta l-ħaġa tiġi fdata jew ikkonsejata lilhom. Hekk per eżempju l-artikolu 1724 jgħid: "Huma obbligati għat-telf tal-ħaġa **fdata lilhom**....." Hekk ukoll l-artikolu 1722 jiddisponi li "il-vetturali bl-art jew bil-baħar għandhom dwar il-kustodja u ħars tal-ħwejjeġ **fdati lilhom**, l-istess obbligi tad-depożitarji u l-artikolu 1723 jgħid li "huma obbligati mhux biss għal dak li jkunu **rċevew** fil-vettura tagħhom jew fid-dgħajsa u f'biċċa oħra tal-baħar, iżda wkoll għal dak li jkun ġie lilhom **ikkunsinnat** f'kull lok.....";

Għalhekk id-disposizzjonijiet tal-liġi rigwardanti r-responsabbilità tal-vetturali u l-ġurisprudenza relattiva tal-Qrati tagħna, kompriża dik iċċitata mill-konvenut appellant jibdew japplikaw għall-vetturali meta l-ħaġa tkun ġiet fdata lilhom, jew meta jkunu rċevewha jew meta tkun ġiet ikkonsejatha lilhom.

Qabel ma jsir dan, il-vetturali ma jista' jkollha l-ebda responsabbilità taħt l-imsemmija disposizzjonijiet tal-liġi u taħt l-imsemmija *ġurisprudenza*;

Naturalment il-vetturali jistgħu wkoll ikunu responsabbli jekk tort tagħhom huma jkunu naqsu li jirċievu l-ħaġa fdata lilhom u dina, bħala konsegwenza, *tintilef jew jiġrilha l-ħsara*;

Isegwi għalhekk fil-każ preżenti li qabel xejn irid jiġi ppruvat, sabiex it-teżi tal-konvenut appellant tirnexxi li l-attur appellat irċeva jew seta' jirċievi l-kaxxa ta' l-għodda *(toolbox)* in kwistjoni. Minn dak in-nhar tibda r-responsabbilità tiegħu għaliha skond il-liġi u ġurisprudenza fuq iċċitata. Jinkombi għalhekk lill-Qorti li fl-ewwel lok teżamina l-provi biex tistabbilixxi jekk ġiex ippruvat jew le jekk *it-toolbox kinitx fil*-kaxxa li l-attur *nomine* mar biex jirtira;

Ikkunsidrat:

Huwa evidenti li għall-finijiet ta' l-imsemmija indaġini l-mument rilevanti huwa meta l-attur Nazzareno Azzopardi mar Ricasoli biex jirtira l-kaxxa deskritta li kellha *"personal effects"* appartenenti lill-konvenut appellant. *Mill-provi jidher li preżenti* dik in-nhar kien hemm l-attur Nazzareno Azzopardi u l-fizzjal tad-Dwana John Mifsud. La x-xhud Roger Azzopardi la x-xhud George Azzopardi u lanqas il-konvenut stess ma kienu preżenti meta saret il-konsenja lill-attur appellat *nomine;*

Issa mid-deposizzjoni ta' l-attur Nazzareno Azzopardi jirriżulta li l-fizzjal tad-Dwana kien qallu biex jiftħu l-imsemmija kaxxa ħalli jiċċekkjawha biċċa biċċa u fil-fatt hekk sar (fol. 5). Meta nfetħet il-kaxxa quddiem il-fizzjal tad-Dwana, il-kaxxa ta'

l-għodda *(toolbox)* ma kinitx hemmhekk. Il-kaxxa bil-*"personal effects"* kienet issiġġillata u fetaħha quddiem il-fizzjal tad-Dwana;

Wara li ġiet iċċekkjata mill-fizzjal, l-attur ma reġax għalaqha billi ma setax jippakkjaha kif ippakkjawha fl-Amerika però qiegħed kollox f'daqqa u għattiehom bl-inċirata fuq it-*truck* (fol. 6). Il-fizzjal iċċekkja l-kaxxa biċċa biċċa biex jara kienx hemm xi ħaġa li għandu jitħallas id-dazju fuqha però l-kaxxa ta' l-għodda huwa, ċjoè l-attur, ma rahiex (fol. 7 u 8). Il-*box* tat-*tools* ma kinitx hemm (fol. 23);

Mid-deposizzjoni mbagħad tal-fizzjal tad-Dwana, John Mifsud jirriżulta li kien qal lill-burdnar (l-attur) biex jiftaħ il-kaxxa tal-*"personal effects"* biex jara jekk id-dikjarazzjoni li huma affarijiet użati kinitx taqbel ma' dak li kien se jara hu. Fil-fatt l-affarijiet bdew jinferxu kollha fuq it-*truck* u l-kaxxa ġiet żarmata sewwa għax kien talbu hu lill-attur (fol. 19). Ix-xhud jiftakar li l-għada kien mar għandu l-attur ma' ieħor u saqsieh jekk kienx ra xi kaxxa ta' l-għodda u li kien qallu li ma kienx raha (fol. 20). Ix-xhud imbagħad kompla jgħid (fol. 20) li mhux possibbli li kien hemm din il-kaxxa billi meta kien mar l-għada l-attur, ftakar li ma kienx hemm il-kaxxa ta' l-għodda. Kull kaxxa li jkun hemm huwa jiftaħha;

Li l-konvenut appellant mar Ricasoli biex ikellem lill-fizzjal tad-Dwana l-għada jirriżulta mid-deposizzjoni ta' l-istess konvenut appellant li jgħid ukoll li "l-fizzjal lili qalli li ma kien hemm xejn, ċjoè b'riferenza għall-kaxxa ta' l-għodda" (fol. 15);

Ikkunsidrat:

Fl-istat tal-provi fuq riprodotti mill-Qorti *in extenso,* il-Qorti

hi tal-fehma li ma ġiex ippruvat sodisfaċentement li l-kaxxa ta' l-għodda *("toolbox")* ġiet jew setgħet ġiet ikkonsenjata lill-attur appellat *nomine* meta dan mar biex jirtira l-merkanzija in kwistjoni billi ma rriżultax li kienet hemm u anzi jirriżulta mill-uniċi żewġ xhieda li kienu preżenti proprju l-kuntrarju, ċjoè li l-kaxxa ta' l-għodda *(toolbox)* ma kinitx hemm;

Id-dokumenti esebiti mill-konvenut appellant (fol. 37, 38,39 u 16) m'humiex biżżejjed biex iġagħlu lill-Qorti li tiddipartixxi mill-imsemmija konklużjoni billi apparti ċ-ċirkostanzi li ma ġewx ikkonfermati bil-ġurament minn min kien irrilaxxjahom (u dan qed jingħad b'mod speċjali għall-ittra tat-8 ta' Jannar, 1986, li nkitbet fil-kors tal-kawża quddiem l-ewwel Qorti u l-*packing list* anness magħha) l-istess dokumenti jirrigwardaw dak li kien ġara fl-Amerika qabel ma l-merkanzija waslet Malta u mhux il-mument rilevanti għall-fini tar-responsabbilità ta' l-attur *nomine,* meta mar id-Dwana ta' Malta biex jirtira u jirċievi l-merkanzija in kwistjoni;

Jista' jiżdied ukoll li d-dokument a fol. 37 ma jirriferixxi bl-ebda mod għal dak li ġie ppakkjat u għalhekk anke għal din ir-raġuni ma jikkostitwixxi l-ebda prova għall-finijiet ta' din il-kawża;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jitħallsu mill-konvenut appellant.